# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.g

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Hal Safi

Is-Seba' Legislatura

Laqgħa Numru 6/2017

10 ta' Mejju, 2017

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40 Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola Ħal Safi, fil-5:30 pm.

Prezenti

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Sindku |
| Francis Callus | Viċi-Sindku |
| Joanna Abdilla | Kunsilliera |

Assenti b'ittra ta' Apologija

| | |
|---|---|
| Pietru Pawl Busuttil | Kunsillier |
| Carlo Stivala | Kunsillier |

Ufficjal Prezenti

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino | Deputat Segretarju Ezekuttiv |

Minuti:

6.1 Qari tal-ittri ta' Apologiji

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet illi nhar it-Tnejn 8 ta' Mejju, l-kunsillier Pietru Pawl Busuttil kien ċempel sabiex javża illi kien qiegħed l-isptar filwaqt illi s-Sur Carlo Stivala kien bagħat ittra ta' apologija għaliex ma setax jattendi l-laqgħa. Iż-żewġ kunsilliera ġew skużati mil-laqgħa.

6.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti.

6.2.1 Il-Kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċidenti. Dawn ġew appovati u ffirmati mis-Sindku u mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv.

6.2.2 Il-Viċi Sindku s-Sur Francis Callus qal illi (ref punt 5.2.4) l-istess persuna xorta baqa' jipparkja fil-Misraħ. Is-Sindku qal illi l-pulizija għadhom ma tawx informazzjoni. Il-Viċi Sindku propona illi għandna nitulizżaw l-pots li għandna l-Misraħ b'tali mod li ma tgħaddix karozza. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta.

6.2.3 Il-Viċi Sindku qal illi rigward ref punt 5.4.1 illi l-abbuż li ċertu persuni joħorġu l-borża s-sewda filgħaxija tat-Tnejn meta din tinġabar l-Erbgħa għadu għaddej. Il-Kunsilliera Joanna Abdilla qalet illi forsi kull kunsillier għandu jieħu parti mir-raħal sabiex nidentifikaw eżatt fejn qed ikunu dawn il-boroż. Il-Kunsill qabel.

6.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

6.3.1 Is-Sindku qal li kien tkellem ma wieħed illi jaħdem l-gypsum boards sabiex bejn wieħed u ieħor nkunu nafux xi spiża għandna sabiex nagħmlu s-saqaf tas-sala bis-suffett bild-dawl fih. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet illi bħala stimi għal issa għad għandna waħda għalhekk għadna m'aħniex f'pożizzjoni li nieħdu deċiżjoni finali. Il-Kunsill qabel illi għandna nieħdu żewġ stimi oħra u naraw anke għal overhanging projector.

6.3.2 Is-Sindku qal illi kien attenda għaċ-ċerimonja fejn l-Agenzija tal-Gwardjani Lokali għaddiet l-flus lir-Reġjuni u l-Kunsilli Lokali ġewwa s-sala tal-Assoċjazzjoni fil-Marsa. Il-kunsill tagħna ħa l-ammont ta' €2449.88. Is-Sindku sjega kif kien tqassmu l-flus lil Kunsilli.

6.4 Tweġibiet għal Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

6.4.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet illi konna rċievejna ittra mingħand Dun Karm Żammit bħala ringrazzjament minħabba li għal din is-sena Dun Karm kien intgħażel sabiex jirċievi l-Premju Onoreficenza li ċċelebrajna nhar is-Sibt 22 t'April 2017.

6.4.2 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet illi kienu ġew tal-lines men tal-Melita Plc u li kienu rranġaw l-wires li kien hemm jaqsmu minn fejn tas-Sensara. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-lines men qalulha illi huma jimxu bil-wires skond il-wires tad-dawl. Hija kkonfermat ukoll illi l-kumpanija Vodafone u l-Kumpanija Go kien għadhom ma tawhiex risposta.

6.4.3 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi t-tabella slow li hemm mwaħħla maċ-Ċentru fil-fehma tagħha ma tixraqx. Kien hemm diskussjoni pero' ma ġiex deċiż li għandha tinqala' din it-tabella.

6.5 Rapporti

6.5.1 Approvazzjoni tal-First Quarterly Financial Report 2017

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet qed tressaq l-ewwel kwart tal-Financial Report għal din is-sena għal approvazzjoni tal-Kunsill. Hija qalet illi bħala l-ewwel kwart tas-sena l-Kunsill kien ser jibqa' b'surplus ta' €18,405. Qalet ukoll illi jekk il-Kunsill jibqa' jimxi b'dan il-mod, fl-aħħar tas-sena ma jkollnix defecit kbir minħabba li konna ser nagħmlu l-bandli. Il-Kunsill. approva l-ewwel kwart tal-Financial Statements 2017.

6.6 Kunsiderazjoni u Approvazjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.

Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

6.7 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa ntemmet fis-6:38 pm. Laqgħa li jmiss ser tkun it-Tlieta 13 ta' Ġunju 2017 fil-5:30 pm.

Johan Mula
Sindku

Doris Baldacchino
Deputat Segretarju Eżekuttiv